Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

[Spettur James Mallia]

[Av. Tilden Tabone]

vs

Dampha Musa

Kumpilazzjoni Numru:1102/23

Illum, 28 ta' Diċembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Dampha Musa detentur tan-numru personali 23N-016

F'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkużat talli nhar il-15 ta' Diċembru 2023 għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs ta' waranofsinhar (18:30hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Far, li jinsab China House, Triq Birzebbugia, Zurrieq u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Abdullah Alobeid** f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Abdullah Alobeid**, u ċioè offiża ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr Melanie McElhatton Med. Reg. No. 4428;

2. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil **Abdullah Alobeid** biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1);

3. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja lil **Abdullah Alobeid** b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta' **Abdullah Alobeid** sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmel ħsara lilu jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Abdullah Alobeid** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk

il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat id-dokumenti.

Rat li l-imputat ammetta l-akkużi kif dedotti kontrih anke wara li l-Qorti spjegatlu aktar minn darba l-pieni applikabbli għar-reati addebitati lilu u wara li ngħata żmien opportun sabiex jirregola ruħu mal-avukat tiegħu, huwa kkonferma tali ammissjoni.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 17, 218(1)(b), 214, 215, 216, 251(3), 338(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib issib lill-imputat Dampha Musa hati tal-akkuzi kif

dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' ħames (5) snin priġunerija.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reġ.**